MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Numru 832/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
v

**ABDAL HAMED CHEKHALY**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDAL HAMED CHEKHALY** ta' disgha w ghoxrin sena bin Oubid u Aziza, imwieled Sirja nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1973 u joqghod 23, Triq id-Duluri, Hamrun detentur ta' passaport numru 3519904 u numru ta' karta tal-identita` 22325A, gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. matul l-perjodu ta' bejn l-ghaxra ta' Jannar 2000 u l-wiehed u tletin ta' Awissu 2000 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' servizz telefoniku liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin kif wkoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom plc u/jew ta' Anthony Bruno mill-Mellieha;

2. talli f'isem l-Kontrollur tad-Dwana talli fis-sebgha ta' Ottubru 2002 gewwa l-Mitjar Interrnazzjonali ta' Malta meta huwa kien sejjer jhalli Malta fuq titjira LN 145 lejn Tripli, xjentement naqas li jiddikjara lil awtoritajiet kompetenti u wara tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija nstab li kellu fil-pussess u/jew taht l-kontroll tieghu s-somom fi flus kontanti u cioe sbatax il-elf erbgha mija w erbghin dollaru Amerikan, tmint elef u tmin mitt lira Sirjana, kif wkoll hames Euros u erbgha w erbghin centezmu, liema ammonti ta' flus jeccedu dak stipulat bil-ligi;

3. talli f'dawn il-Gzejjer, nahr s-sebgha ta' Ottubru 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data, minghajr permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi, bhala persuna li ma hux negozjant awtorizzat, f'Malta u barra minn Malta, xtara jew issellef xi deheb jew jew flus barranin minghand jew biegh jew silef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma hiex negozjant awtorizzat;

4. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi, bhala persuna li ma hux negozjant awtorizzat, f'Malta, ghamel xi haga li tinvolvi li ghandha x'taqsam ma jew li hija preparatorja ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin minghand jew biegh jew issellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna bara minn Malta;

5. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi, importa f'Malta jew esporta barra minn Malta

xi biljetti ta' flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi zmien valuta legali f'Malta;

6. talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess zmien u cirkostnazi minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, esporta barra minn Malta xi deheb jew flus barranin;

7. talli matul l-perjodu ta' bejn l-ghaxra ta' Jannar 2000 w il-wiehed u tletin ta' Awissu 2000 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet ipprovda servizz ta' telekommunikazzjoni jew installa jew haddem infrastruttura ta' installazzjoni jew apparat ta' telekommunikazzjonijiet minghajr awtorizzazzjoni taht u skond xi disposizzjoni tal-Att biex jirregola t-Telekommunikazzjonijiet jew bi vjolazzjoni jew ksur taq' xi patt, kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti jew min jew taht l-Att biex jirregola t-Telekommunikazzjonijiet jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni;

8. kif wkoll fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda, installa jew uza xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht l-Att biex jirregola t-Telekommunikazzjonijiet jew li kien jaf jew kellu raguni valida ghaliex jobsor li kikenu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu nbieghu jew provduti, installati jew uzati ghalihom;

9. kif wkoll fuq talba tar-Regolatur tat-Telekommunikazzjonjijiet fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekommunikazzjoni provditu minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas li josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu sew ta' l-

infrasttruttura tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi tordna l-konfiska tal-flus barranin ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Jannar 2002 esebit fl-atti a fol 8A sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 **xehed l-Ispettur Carmelo Bartolo** kif jirrizulta a fol 34 et seq tal-atti fejn qal li huwa kien ircieva rapport mill-Inginier Salvino Gatt tal-Korporazzjoni Maltacom fejn irrappurtalu li kienu qed isiru telefonati ghas-Sirja minn fuq l-linja tat-telefon ta' Anthony Bruno minghajr l-kunsens jew taghrif tieghu. Irrizulta mill-investigazzjoni maghmula minnu li l-pesuna li setghet ghamlet dawn t-telefonati illegali saru mill-imputat odjern u ghalhekk meta l-imputat ippresenta ruhu biex isiefer minn Malta nhar s-sebgha ta' Ottubru 2002 huwa gie arrestat.  Illi l-Ufficjal Prosekutur jghid li l-imputat ammetta mieghu li kien ghamel xi telefonati ghas-Sirja mill-fond in kwistjoni li fuqu kien sar rapport u dan f'xi hames okkazzjonijiet u dan flimkien mas persuna ohra, certu Abdel Karim Fituri u dan permezz ta' qbid bil-clip on method mad-DP.  Illi fuq il-persuna tieghu fl-ajruport l-imputat kellu madwar sbatax il-elf w erbgha mija u erbghin Dollaru Amerikan, tmient elef u tmin mitt lira Sirjana u xi Euros u li l-imputat ma kienx iddikjara lil Awtoritajiet koncernati u ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur eleva dawn il-flejjes minn fuq il-persuna tieghu u sussegwentement esibihom f'dawn l-atti.

Illi l-Prosekuzzjoni principalment ghalhekk akkuzat lil imputat fuq serq ta' servizz telefoniku liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u talli ttanta johrog minn Malta somma sostanzjali ta' flus minghajr l-Awtorita koncernata bi ksur tal-Kap 233.

Dwar l-ewwel akkuza u cioe dik ta' serq ta' servizz telefoniku **il-Prosekuzzjoni ressqet lil Salvino Gatt in rappresentanza tal-Maltacom**. Huwa xehed li fir-rapport tieghu mibghut lil Ufficjal Prosekutur imsemmi aktar 'l fuq deher li kien hemm certu numri ta' telefonati li kienu qed isiru lejn is-Sirja, l-Libja u Arab Emerates u dan minn fuq il-linja li tghajjat lil Anthony Bruno mill-Mellieha u cioe minn fuq in-numru tat-telefon 523375. Huwa nforma lil Qorti li l-ammont bhala valur li sussegwentement sofriet l-Maltacom kien ta' erbgha mija u erbgha liri maltin u sebgha w hamsin centezmu.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Anthony Bruno** kif jirrizulta a fol 88 et seq tal-atti u esibixxa l-kont tat-telefon tieghu li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument BQ u minn ezami tieghu jirrizulta li saru diversi telefonati ghas-Sirja. Anthony Bruno kkonferma li qatt ma cempel barra minn Malta u lanqas ghal fuq mobile u fil-fatt esibixxa l-kontijiet precedenti tieghu li effettivament kienu kollha baxxi bhala valur. Illi sussegwentement wara li rcieva d-dokument BQ ricieva kontijiet ohrajn u cioe d-dokumenti BB 1 u BB 2 fejn l-ammont telgha minn mitejn wiehed u tletin lira u disgha w erbghin centezmu ghal tlett mija hamsa w erbghin lira u hamsa w erbghin centezmu u ghalhekk talab l-ghajnuna tal-Pulizija Ezekuttiva.

Illi dwar l-akkuzi tal-flus barranin li nstabu f'idejn l-imputat meta huwa kien ser jsiefer il-Prosekuzzjoni ressqet lil **PS 1143 David O'Hayon** kif jirrizulta a fol 104 et seq tal-atti fejn qal li fis-sebgha ta' Ottubru 2002 waqt li kien xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kellu struzzjonijiet sabiex f'kaz li Abdel Hamed Cklekhaly jippresenta il-passaport tieghu biex jitlaq dan kellu jinzamm u jinforma lil Ispettur Carmelo Bartolo. Huwa ghalhekk zamm lil imputat milli jitlaq. Huwa spjiega li l-imputat kien lahaq ghadda il-biljett

tieghu mit-ticket office checkin, ghadda il-boarding pass tieghu mal-passaport mis-security, telgha fuq w iccekkja l-passaport tieghu u dahal fid-departure lounge. Xehed li gie mizmum qabel ma hareg mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

L-Ufficjal Prosekutur b'lealta kbira lejn l-imputat u l-gustizzja ressaq diversi xhieda fosthom Fayez Nigel, Mahmoud Nabus, Xewaq Abdul Eleme, Mohammed Said Sara, Ahmed Salem, Mahmoud Chekhaly, Riad Shair, Abdallah Saud Kanan u lil Kasem Awad, li ilkoll qalu li kienu taw diversi somom ta' flus f'denominazzjonijiet ta' Dollari Amerikani lil imputat odjern sabiex huwa jkun jista jghaddi lil familjari taghhom fis-Sirja. Illi huma ilkoll ikkonfermaw li dan ghamluh ftit qabel ma l-imputat gie sabiex jitlaq minn Malta u dawn il-flejjes kienu hadmu ghalihom f'Malta u riedu jghadduhom lil familjari taghhom li kienu fil-bzonn fis-Sirja.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet esibiti f'dawn l-atti bhala dokumenti CB 3 u CB 4 a fol 48 et seq u dan b'mod voluntarju u skond l-ligi.

Minn ezami ta' dawn l-istess stqarrijiet jirrizulta bic-car li l-imputat kien imur il-Mellieha flimkien ma certu Abdel Karim Fituri u jaghmel telefonati b'mod illegali u dan ghaliex kien qal li kien jaf li dan Karim kien jqabbad linja tat-telefon ma linja tat-telefon li kienet hierga minn distribution box u jghid ex admissis " li l-wire tal-linja li kien jqabbad kien jhallih mohbi taht gebla." Huwa jghid minn fuq din il-linja huwa cempel biss hames darbiet lejn s-Sirja. Mistoqsi ghaliex kien jaghmel t-telefonati b'dan il-metodu l-imputat wiegeb li kien jaghmel hekk biex jiffranka u ghaliex kien jithajjar.

Dwar il-flus li nstabu fuqu fil-gurnata meta kien ser jitlaq minn Malta, l-imputat wiegeb li dawn kienu ta' hbieb tieghu u li kienu gew mghoddija lilu minnhom sabiex jwassalhom ghand familjari taghhom fis-Sirja fil-post fejn kien sejjer. Mistoqsi jekk huwa iddikjarax dawn il-flus mal-Awtoritajiet tad-Dwana huwa wiegeb fin-negattiv u dan ghaliex qa;l li ma kienx jaf li kellu jaghmel hekk .

**L-imputat nhar t-tnax ta' Novembru 2003 xehed il-Qorti** b'mod voluntarju fejn kkonferma li l-flus barranin li gew mghoddija lilu kienu ta' hbieb tieghu u li tawhomlu biex jghaddihom lil familjari taghom fis-Sirja. Huwa kkonferma dak li qal fl-istatement dwar t-telefonati li ghamel barra minn Malta u cioe lejn s-Sirja f'hames okkazzjonijiet.

Illi dwar l-fatti kif jirrizultaw ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ghalkemm jidher li hemm dwar l-interpretazzjoni tal-ligi.

Dwar l-akkuza ta' serq ta' servizz telefoniku ma hemmx dubbju li din tirrizulta mill-ammissjoni tal-imputat stess. Dwar l-aggravju tal-mezz, din tirrizulta mill-manjiera ta' kif kienu jsiru t-telefonati u cioe bil-clip on method.

Dwar l-aggravju ta' hin din tirrizulta wkoll ghaliex l-imputat stess qal li huwa kien jaghmel t-telefonati filgaxija meta kien ikun id-dlam.

Dwar l-aggravju tal-valur, il-Prosekuzzjoni ressqet lir-rappresentant tal-Maltacom biex jghid kemm sofriet danni, ressqet wkoll provi biex tindika li t-telefonati saru minn diversi persuni.

Il-Qorti rat li l-imputat deher genwin f'dak li qal a tempo vergine tal-investigazzjoni meta rrilaxxja l-istqarrija u m'ghandhix ghalfejn tiddubitah meta qal li huwa ghamel biss hames telefonati u ghalhekk ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dan l-aggravju tal-valur sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi l-akkuzi naxxenti mit-Telecommunications Act jirrizultaw ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan fuq ammissjoni tal-imputat stess.

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 60(f)(g) tal-Kap 37 u cioe li esporta minn Malta oggetti li huma pprojbiti.

Illi fil-fehma tal-Avukat Difensur din l-akkuza ma tapplikax ghal kaz in ezami ghaliex l-esportazzjoni tal-flus ma hiex ipprojbita izda hija biss limitata, apparti l-fatt li qal li l-esportazzjoni ma kienetx qed issir minnu izda minn min baghat l-flus mieghu.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal tlett sentenzi mghotija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** u cioe **Il-Pulizija v Mary Rose Zammit** deciza nhar ***s-sitta ta' Frar 1992,*** **Il-Pulizija v Raymond Said** ***deciza nhar d-disgha ta' Ottubru 1998*** u dik aktar recenti **Il-Pulizija v Paul Borg** ***deciza nhar s-sitta ta' Ottubru 2003.***

Fl-ewwel sentenza il-fatt specie tal-kaz kienu simili ghal kaz in dezamina u fejn l-appellanti f'dik il-kawza kienet fid-departure lounge tal-Ajruport ta' Hal Luqa u kellha fil-pussess taghha Dollari Amerikani in eccess tal-ammont stipulat bil-ligi bla ma kellha d-debitu permess tal-Ministru u f'dik is-sentenza inqtal car u tond li:

*"B'dan il-fatt wiehed l-appellanti vvjolat l-Att tal-1972 dwar l-Kontrol tal-Kambju [Kap 233] u l-Ordinanza tad-Dwana [Kap 37]. Din l-Ordinanza tapplika fir-rigward tal-"oggetti" li ma humiex flus. Pero fl-artikolu 16 tal-Att dwar l-Kontroll tal-Kambju il-Kap 233 jaghmel dik l-Ordinanza applikabbli dwar anke flus li l-esportazzjoni taghhom hija pprojbita.*

Fit-tieni kaz fuq citat dak ta' Raymond Said, gie accettat implicament li l-importazzjoni ta' flus maltin f'Malta f'ajruport in eccess ghas-somma preskritta bil-ligi kienet wkoll tivvjola kemm il-Kap 37 kif wkoll il-Kap 233, ghalkemm il-punt li gie deciz kien aktar jikkoncerna liema piena kienet applikabbli ghal kaz u cioe jekk hux dik taht l-Ordinanza tad-Dwana jew dik taht l-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju.

Fit-tielet kaz u cioe dak kontra Paul Borg, l-appellant Borg kien instab fil-pussess ta' flus ta' munita barranija in eccess ghal ammont li setgha jesporta bla htiega t'awtorizzazzjoni fl-ajurport ta' Malta sejjer lejn l-Olanda w instab hati ta din l-akkuza kif naxxenti mill-artikolu 62 tal-Kap 37.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta ppruvata ghaliex l-imputat odjern fuq ammissjoni tieghu stess jghid li kellu d-Dollari Amerikani fil-pussess tieghu u li kien bi hsiebu jehodhom ljen s-Sirja minghajr il-permess relattiv skond l-ligi.

L-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 4(1) u 4(2) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe talli minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi bhala persuna li mhux negozjant awtorizzat f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand jew biegh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna li mhux negozjant awtorizzat.

Illi kull ma jirrizulta mill-provi hu li nhar s-sebgha ta' Ottubru 2002 l-imputat kien ghadu kif ikklerja l-passaport tieghu u wara li kien ghamel ic-check in tal-bagalji u tal-biljett u kien fid-departure lounge biex jitlaq u gie arrestat mill-Pulizija Ezekuttiva u f'search li saret fuq il-persuna tieghu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija instabet somma konsiderevoli ta' flus fuq il-persuna tiegu u dan in eccess ghall-ammont li setgha jesporta bla htiega t'awtorizzazzjoni. Illi ma gewx ippruvati fatti materjali ohra.

Hekk ma saret ebda prova li l-imputat kien f'Malta jew barra minn Malta, xtara jw issellef xi deheb jew flus barranin minghand persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat jew li jbiegh jew li jsellef xi deheb jew flus barranin lil xi peruna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat. La saret il-prova ta' xi xiri jew self u lanqas li l-imputat mhux negozjant awtorizzat. Hawn il-ligi ma tohloq ebda presunzjoni kontra l-imputat u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova li gara dan bhala fatt u dan il-Prosekuzzjoni manifestament m'ghamlitux. Ghalhekk l-ewwel akkuza [a] taht l-artikolu 4(1) ma tirrizultax ppruvata.

Dwar l-akkuza [b] kontemplata fl-artikolu 4(2) l-istess ma ngabet ebda prova li l-imputat mhux negozjant awtorizzat. Lanqas m'ingabet il-prova li l-imputat kien ghamel xi haga li tinvolvi jew li ghandha x'taqsam ma jew li hija

preparatorja ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin minghand xi persuna barranija hawn Malta, ghaliex il-flus barranin inkriminanti kienu gia ghandu u ma kellux ghalfejn jissellifhom jew jixtrihom minghand xi persuna barranija minn Malta. Lanqas ma hemm l-icken prova li hu kien ghamel xi haga preparatorja biex jbiegh jew jissellef flus barranin lil xi persuna barranija minn Malta. X'kien ser jaghmel bil-flus barranin tibqa dejjem kongettura u anke jekk wiehed jikkongettura li kien ser jaghtihom lil familjari tas-Sirjani li tawhomlu, dan zgur ma jammontax ghal xi bejgh u tibqa dejjem kongettura u mhux prova li skond l-ligi hemm, trid ssir mill-Prosekuzzjoni u ma tistax tigi presunta.

L-imputat gie akkuzat bir-reati imsemmija fl-artikolu 11(1) u (2) tal-Kap 233 u cioe li minghajr il-firma tal-Ministru responsabbli ghal Finanzi esporta minn Malta xi flus barranin.

Il-fatti li rrizultaw juru wkoll b'mod inkomfudibbli li l-imputat minghajr permess tal-Ministru responsabbli, ghaliex ammetta hu stess, kien ittanta li jesporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus li kienu valuta legali f'Malta bi ksur tal-artikolu 11(1) u flus barranin bi ksur tas-sub inciz (2) tal-istess artikolu. Huwa kien fil-fatt ghadda mill-passport control u kieku ma giex imwaqqaf meta kien fid-departure lounge hu kien jibqa tiela fuq l-arjuplan lejn il-Libja ghas-Sirja. Hawn jirrikorru l-elementi kollha tat-tentattiv u cioe il-hsieb li jigi kommess delitt, il-manifestazzjoni ta' dan il-hiseb b'atti esterni, il-bidu tal-esekuzzjoni u n-non konsumazzjoni minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tal-persuna koncernata, kif irriteniet l-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kaz identiku ghal dan u cioe **Il-Pulizija v Emanuel Camilleri et** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2001***.

Ghalhekk dak li l-Avukat Difensur sostna li ladarba l-imputat twaqqaf qabel ma hareg mill-pajjiz allura zgur li ma kien hemm ebda esportazzjoni ma jregix ghaliex skond l-artikolu 39 tal-Kap 233 it-tentattiv u l-konsumazzjoni tar-reati kontra l-Ordinanza huwa ugwalment punibbli.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(b)(f)(c), 263, 267, 270, 278, 279, 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 60(f)(g) u 62(1) tal-Kap 37, 4(1)(2), 11(1)(2), 42 tal-Kap 233, l-artikolu 36 tal-Att XXVII tas-sena 2001 tiddikjara li ssib lil imputat ABDAL HAMED CHEKHALY hati tal-akkuzi naxxenti mill-Att tat-Telekommunikazzjonijiet u ta' serq aggravat bil-mezz u bil-hin, hati tar-reati naxxenti mill-artikolu 11(1)(2) tal-Kap 233 u 60(f)(g) tal-Kap 37 u ma ssibux hati tal-aggravju tal-valur fuq is-serq u tal-akkuzi naxxenti mill-artikolu 4(1) u 4(2) tal-Kap 233 mill-liema akkuzi qed tilliberah.**

Illi skond l-artikolu 62(c) tal-Kap 37, il-piena imposta bl-artikolu 62 tal-istess Kap m'ghandhiex tapplika fil-kaz ta' reat li jkollu x'jaqsam mal-importazzjoni ta' oggetti konsegwentement ghal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressa ghal dak r-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni.

Ghalhekk il-piena li ghandha tapplika din il-Qorti f'dan il-kaz, hija dik naxxenti mill-artikoli 41 u 42 tal-Kap 233 flimkien ma dik naxxenti mill-Kap 9 minhabba r-reat ta' serq.

Illi skond l-artikolu 42 tal-Kap 233, kuntrarju ghal dak li jiddisponi l-Kap 37, il-konfiska tal-flus esibiti ma hiex tassattiva izda hija diskrezzjonali w imhollija f'idejn l-Qorti.

Issa l-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi u jidhrilha minhabba r-raguni moghtija ghall-esportazzjoni tal-flus esibiti u cioe sabiex jghinu familji fis-Sirja, u minhabba l-introduzzjoni tal-Avviz Legali 412 tas-sena 2002 fejn is-somma ta' flus barranin li bniedem jista jkollu zdiedet ghas-somma ta' ghoxrin elf lira, il-Qorti ma thossx li ghandha tordna l-konfiska tal-flejjes esibiti.

Dwar il-piena il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet Il-Pulilzija v Lawrence Cuschieri moghtija fit-tmienja ta' Jannar 1992

ghal liema sentenza ghmlet referenza il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet The Police v Edward Joseph O'Connor deciza fis-sbatax ta' Novembru 2003. F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali waqt li kienet qed taghmel referenza ghal kawza kostituzzjonali stqarret li

"in the Cuschieri case above mentioned it was stated obiter that any person charged with a criminal offience is to answer to the guilt attributed to him according to the laws applicable and in force at the time of the commission of the alleged offence, whether those laws are of a substantive nature or of a procedural or adjectival nature, unless those laws have been changed in such a way as to benefit the accused due to a change in the legislative policy of the State."

Hawnhekk issir referenza ghal dak li jghid il-Professur Mamo fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Law** pagna 32, fejn jghid:

"In fact an apparent acception to the rule that a penal law cannot have a retrospective effect occurs when a new law enaected after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed."

L-ipotesi ghalhekk huma tnejn [a] l-ligi taht liema akkuza l-bniedem gie akkuzat tigi sussegwentement imhassra u ghalhekk l-att ma jibqax kunsidrat bhala reat kriminali u [b] l-ligi taht liema akkuza il-bniedem gie akkuzat, sussegwentement il-ligi tigi mibdula u l-att jibqa reat kriminali pero l-piena tigi mibdula.

Il-Professur Mamo jkompli jghid

"The communis opinio among continental writers is that where the law in force at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the

offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice. If on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in force at the time the offence was committed, than it is the new law that should be applied, for, if the old law were to be applied, it would have, as to the access to punishment or other aggravation an effect beyond its limit of valid operation".

Il-Professur Mamo jaghmel referenza ghall-artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"If the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offence, the less severe of the two punishments should be applied".

Il-Professur Mamo jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Agostino Bugeja (Vol XXIV part IV page 941) fejn gie ritenut li ghalkemm dan l-artikolu jikkontempla l-kaz biss fejn il-piena provduta bil-ligi in vigore meta il-bniedem qed jigi iprocessat hija differenti mill-piena in vigore fil-mument tal-kummissjoni tar-reat u ma hemm l-ebda disposizzjoni li tikkoncerna l-kaz fejn meta bniedem qed jigi iprocessat skond reat partikolari ma jkunx aktar reat f'dak il-mument.

Il-Professur Mamo pero jikkontendi illi f'dan il-kaz ahhari l-akkuzat m'ghandux jinghata piena ghaliex altrimenti fi kliemu stess "the law would be contradicting itself by giving retroactive effect only to a law which establishes a lighter punishment and at the same time negating this retroactive effect to a subsequent law which rather than diminishes, actually eliminates the punishment".

Illi n-noti tal-Professur Mamo gew miktuba qabel ma giet introdotta il-Maltese Interpretation Act 1975 (Kap 249). Hawnhekk issir referenza ghall-artikolu 12 (1) (d) fejn jinghad li "where an Act, passed after the commencement of the interpretation act of 1975 repeals any other law, than unless the contrary intention appears, the repeal shall **not** effect any penalty, forfiture, or punishment in

respect of any offence committed against any law so repealed or any liability there to".

Minhabba t-tibdil fil-ligi tal-Exchange Control Ordinance naxxenti mill-Legal Notice 214/2002, il-Qorti trid taghmel referenza ghall-artikolu 9 u l-artikolu 12 (2) (3) tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta u skond is-sentenza fuq citata fl-ismijiet "Police vs Edward O'Connor", din il-Qorti xorta ghandha tapplika l-piena ghall-htija tal-imputat dwar ir-reat tal-Exchange Control Ordinance ghalkemm l-ammont ta' flejjes li r-resident jista jkollu f'Malta illum m'ghadux ta' LM 2, 500.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tikkundanna lill-imputat ABDAL HAMED CHEKHALY b'mod komplessiv ghall-akkuzi li hija sabitu hati taghhom ghall-multa ta' elf lira Maltin (LM1,000).**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------